MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 604/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Carmel Micallef**
**Omissis**

Kumpilazzjoni Nru: 604/2001

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Micallef, ta' 42 sena, bin Michael u Concetta nee' Falzon , imwieled Pieta', fit-23 ta' Lulju, 1959 u li joqghod fl-indirizz 4, 'Notre Reve', Triq is-Sajf, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 497859(M).

u

Omissis

Akkuzati talli fit-13 ta’ Lulju, 2001 u fil-gimghat precedenti f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f’dawk l-atti, jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikkjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-imsemmi dokument. U dan bi ksur ta’ l-artikoli 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess cirkustanzi sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u dan bi ksur ta’ artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil omissis wahdu:

Talli fl-istess cirkustanzi halef falz quddiem ufficjal li ghandu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament bi ksur ta’ l-artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Kif ukoll sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie ikkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Kif ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta’ probation ghat-termini ta’ l-artikolu 9 tal-Kap 152, imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta’ Novembru, 1999.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hejkk trattat.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.
Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mis-sottomissjonijiet maghmula jidher li l-imputat mhux qed jikkonntesta l-fatti lilu addebietati. Fir-realta mill-provi prodotti dawn il-fatti jirrizultaw ampjament. Dak kollu allegat fil-konfront ta’l-imputat mill-ufficjal investigattiv l-eks Spettur Joseph Cordina huwa korroborat mid-dokumenti u mill-provi l-ohra prodotti.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti, hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom in-natura tar-reati in kwistjoni. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’l-imputat li hija kwazi netta kif ukoll l-involviment tieghu f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------